

# **Linji gwida dwar il-proċess ta' rieżami superviżorju**

## Introduzzjoni

- 1.1. Skont id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva tas-Solvibbiltà II)<sup>1</sup> u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1094/2010 tal-24 ta' Novembru 2010 (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament tal-EIOPA)<sup>2</sup>, l-EIOPA żviluppat linji gwida dwar il-proċess ta' rieżami superviżorju. Dawn il-linji gwida jirrigwardaw l-Artikolu 36 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II. Dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn huma b'mod partikolari l-Artikoli 27, 29, 34, 71, 213(2), 248, 249, 250 u 255 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II.
- 1.2. Dawn il-Linji Gwida għandhom l-għan li jidentifikaw il-mod li bih jista' jinkiseb approċċ prospettiv u proporzjonat ibbażat fuq ir-riskju għas-superviżjoni fi ħdan il-proċess ta' rieżami superviżorju.
- 1.3. Il-proċess ta' rieżami superviżorju jirreferi għall-attivitajiet kollha mwettqa mill-awtorità ta' sorveljanza sabiex tikkonforma mal-obbligi tagħha li jirriżultaw mill-Artikolu 36 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II li jinkludi l-evalwazzjoni tal-istrateġiji, proċessi u proċeduri ta' rappurtar fl-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li huma jkunu stabbilixxew sabiex jikkonformaw mas-Solvibbiltà II.
- 1.4. Għalhekk l-għan ta' dawn il-Linji Gwida huwa li jintlaħqu riżultati konsistenti permezz tal-konverġenza tal-proċessi u prattiċi superviżorji fi ħdan il-proċess ta' rieżami superviżorju, filwaqt li tiġi żgurata biżżejjed flessibilità biex l-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali jkunu jistgħu jadattaw b'mod xieraq l-azzjonijiet tagħhom skont il-każ, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifitajiet tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u l-gruppi involuti, is-swieq tagħhom stess u prijoritajiet ta' superviżjoni oħrajn.
- 1.5. Dawn il-Linji Gwida huma mqassra fid-dijagramma ppreżentata fit-test ta' spjegazzjoni tal-Linja Gwida 1 u fid-dokument "Diagramma tal-Linji Gwida tal-SRP" ippublikat flimkien ma' dawn il-Linji Gwida<sup>3</sup>.
- 1.6. Għall-proċess ta' rieżami superviżorju tal-gruppi tal-assigurazzjoni, fejn ikun hemm kulleġġ ta' superviżuri fis-seħħ, dawn il-Linji Gwida kkunsidraw il-Linji Gwida dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi<sup>4</sup>, l-arranġamenti ta' koordinazzjoni speċifiċi tal-kulleġġ u kwalunkwe proċess jew pjan ieħor miftiehem mill-kulleġġ tas-superviżuri.
- 1.7. Dawn il-Linji Gwida mhumiex maħsuba biex jillimitaw lis-superviżur tal-grupp u lill-kulleġġ tas-superviżuri minn komunikazzjonijiet addizzjonali jew arranġamenti ta' kondiviżjoni ta' informazzjoni li huma konsistenti mad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, inkluż l-approċċ proporzjonat u bbażat fuq ir-riskju

<sup>1</sup> ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48-83

<sup>2</sup> ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1-155

<sup>3</sup> <https://eiopa.europa.eu/publications/eiopa-guidelines/index.html>

<sup>4</sup> <https://eiopa.europa.eu/publications/eiopa-guidelines/index.html>

tal-proċess ta' rieżami superviżorju b'mod konformi mal-Artikolu 29 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II.

- 1.8. L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali li huma parti minn kulleġġ se jkollhom responsabbiltajiet kontinwi biex jikkomunikaw u biex jinvolvu lill-kulleġġ fil-proċess ta' rieżami superviżorju, b'mod partikolari meta jittieħdu miżuri superviżorji, jew meta l-impriżi jew il-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jidħlu f'diffikultajiet finanzjarji. Fejn xieraq, eżempji b'kontroreferenzi għal diversi rekwiżiti u Linji Gwida huma pprovduti fit-test ta' spjegazzjoni. Il-Linji Gwida jindirizzaw lill-awtoritajiet ta' sorveljanza taħt Solvibbiltà II.
- 1.9. Dawn il-Linji Gwida japplikaw għall-proċess ta' rieżami superviżorju mwettaq mill-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali fir-rigward tal-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, iż-żewġ impriżi individwali soġġetti għad-Direttiva tas-Solvibbiltà II u gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni soġġetti għal superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 213(2) (minn hawn 'il quddiem gruppi tal-assigurazzjoni). Rigward l-applikazzjoni tal-Linji Gwida għall-proċess ta' rieżami superviżorju tal-gruppi tal-assigurazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati l-ħtiġijiet li ġejjin<sup>5</sup>:
- Il-Linji Gwida 10, 16, 18, 21, 35, 37 u 40 huma speċifiċi għall-grupp u japplikaw biss għas-superviżur tal-grupp, bl-eċċezzjoni tal-Linji Gwida 37 u 40 li jistgħu japplikaw kemm għas-superviżur tal-grupp kif ukoll għall-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali individwali;
  - Il-Linji gwida 15 u 17 japplikaw biss għall-awtoritajiet ta' sorveljanza għall-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni individwali u ma japplikawx għal awtoritajiet ta' sorveljanza fir-rwol tagħhom bħala superviżur tal-grupp. Is-superviżur tal-grupp għandu jikkonforma mal-Linji Gwida 16 u 18 rilevanti speċifiċi għall-grupp;
  - Il-Linji gwida 5, 6, 7, 11, 13, 19, 21, 23, 25, 28, 29, 32, 37, 39 u 40 jinkludu wkoll dispożizzjonijiet li japplikaw biss jekk il-grupp tal-assigurazzjoni jkollu kulleġġ li huwa stabbilit skont l-Artikolu 248(2) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu japplikaw kemm għas-superviżur tal-grupp kif ukoll għall-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali tal-impriżi individwali tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fil-kulleġġ, bl-eċċezzjoni tal-Linja Gwida 21, li tapplika biss għas-superviżur tal-grupp.
- 1.10. Fejn hemm superviżjoni tal-grupp stabbilita fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 216 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, dawn il-Linji Gwida japplikaw *mutatis mutandis* kemm: għas-superviżjoni tal-grupp imwettqa fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 216 tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II kif ukoll għas-superviżjoni tal-grupp imwettqa skont l-Artikolu 213(2) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II.
- 1.11. Għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

---

<sup>5</sup> Jekk jogħġbok sib tabella tal-Linji Gwida li japplikaw għall-individwu jew għall-grupp jew għat-tnejn li huma fl-Appendiċi ppubblikat bit-Test ta' spjegazzjoni tal-Konsultazzjoni Pubblika.

- Meta jiġu applikati dawn il-Linji Gwida għas-superviżuri tal-grupp:
  - it-terminu "awtorità ta' sorveljanza nazzjonali" jirreferi għall-awtorità ta' sorveljanza responsabbli għas-superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 247(1) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II;
- Meta jiġu applikati dawn il-Linji Gwida għas-superviżuri tal-grupp, it-terminu "impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni" jirreferi għal "gruppi tal-assigurazzjoni" (minbarra l-linji gwida 12, 19, 33, 36 u 38, li jirreferu għaż-żewġ gruppi u l-impriżi fi ħdan il-grupp);
- "Superviżur tal-grupp" jirreferi għall-awtorità superviżorja li tissodisfa l-kriterji stipulati fl-Artikolu 247(1) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II;
- "Kulleġġ" jirreferi għall-kulleġġ tas-superviżuri kif definit fl-Artikolu 212(1)(e) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II;
- "Membri" u "parteċipanti" jirreferu għall-membri u l-parteċipanti kif definiti fil-Linji Gwida dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi;
- "Spezzjoni fuq il-post" tirreferi għal valutazzjoni organizzata jew eżerċizzju formali ta' evalwazzjoni, imwettaq fil-post tal-impriża ssorveljata, jew il-fornituri tas-servizz li l-impriża ssorveljata tkun esternalizzata funzjonijiet lilhom, li twassal għall-ħruġ ta' dokument ikkomunikat lill-impriża.

1.12. Jekk ma jiġux iddefiniti f'dawn il-Linja Gwida, it-termini għandhom it-tifsira ddefinita fl-atti legali msemmija fl-introduzzjoni.

1.13. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

## **Taqsim I - Proċess globali ta' rieżami superviżorju (SRP)**

### **Linja Gwida 1 - Twettiq tal-proċess ta' rieżami superviżorju**

1.14. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, meta twettaq il-proċess ta' rieżami superviżorju u filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa għal flessibilità u ġudizzju superviżorju, tiżgura li dan jinkludi tliet sub-proċessi kif stipulat f'dawn il-Linji Gwida: il-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju, ir-reviżjoni dettaljata u l-miżuri ta' superviżjoni.

### **Linja Gwida 2 - Konsistenza tal-proċess ta' rieżami superviżorju**

1.15. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li l-proċess ta' rieżami superviżorju jiġi applikat b'mod konsistenti matul iż-żmien, fl-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u fl-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali.

### **Linja Gwida 3 - Proporzjonalità fil-proċess ta' rieżami superviżorju**

1.16. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li l-prinċipju ta' proporzjonalità jiġi osservat matul l-istadji kollha tal-proċess ta' rieżami superviżorju.

### **Linja Gwida 4 - Ġudizzju superviżorju fil-proċess ta' rieżami superviżorju**

1.17. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li s-superviżuri jużaw il-ġudizzju superviżorju tagħhom f'kull stadju tal-proċess ta' rieżami superviżorju. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li l-proċess ta' rieżami superviżorju jinżamm flessibbli biżżejjed biex jippermetti li jintuża l-ġudizzju superviżorju xieraq.

### **Linja Gwida 5 - Komunikazzjoni kontinwa ma' impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni**

1.18. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li jkun hemm livell xieraq ta' komunikazzjoni bejn il-persunal tal-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali u l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni matul il-proċess kollu tar-riieżami superviżorju sabiex tiġi ffaċilitata sorveljanza effettiva.

1.19. Jekk ikun hemm kulleġġ, il-komunikazzjoni mal-impriżi ssorveljati għandha tkun ikkoordinata kif deskritt fil-Linja Gwida 15 tal-Linji Gwida dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi.

### **Linja Gwida 6 - Komunikazzjoni kontinwa ma' superviżuri oħrajn u l-involviment tagħhom**

1.20. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha twettaq livell xieraq ta' komunikazzjoni u involviment ma' awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali rilevanti oħrajn matul il-proċess kollu ta' rieżami superviżorju.

1.21. Il-komunikazzjoni mal-awtoritajiet ta' sorveljanza ta' pajjiżi terzi għandha tkun konformi ma' kwalunkwe memoranda ta' ftehim rilevanti fis-seħħ.

1.22. Jekk ikun hemm kulleġġ, il-komunikazzjoni għandha ssegwi r-rekwiżiti u l-linji gwida rilevanti.

### **Linja gwida 7 - Inklużjoni ta' riskji fis-suq kollu fil-proċess ta' rieżami superviżorju**

- 1.23. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tikkunsidra analiżijiet fis-suq kollu matul il-proċess ta' rieżami superviżorju.
- 1.24. Jekk ikun hemm kulleġġ, l-awtorità ta' sorveljanza għandha tikkunsidra l-eżitu ta' kwalunkwe analiżi rilevanti fis-suq kollu li jkun ġie kondiviż fil-kulleġġ.

### **Linja Gwida 8 - Dokumentazzjoni**

- 1.25. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li l-informazzjoni li tappoġġja l-konklużjonijiet mill-proċess ta' rieżami superviżorju tkun iddokumentata u aċċessibbli faċilment fi ħdan l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali filwaqt li tosserva wkoll standards xierqa ta' kunfidenzjalità fir-rigward ta' din l-informazzjoni.

### **Linja Gwida 9 - Governanza fuq il-proċess ta' rieżami superviżorju u r-reviżjoni regolari tiegħu**

- 1.26. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandu jkollha mekkaniżmu ta' governanza adegwat fis-seħħ sabiex timmonitorja kif xieraq il-kondotta tal-proċess ta' rieżami superviżorju.
- 1.27. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tirrevedi regolarment il-metodu tagħhom ta' implimentazzjoni tal-proċess ta' rieżami superviżorju biex tiżgura l-adeqwatezza kontinwa tagħhom.

### **Linja gwida 10 - L-ambitu u l-fokus tal-proċess ta' rieżami superviżorju tal-grupp tal-assigurazzjoni**

- 1.28. Is-superviżur tal-grupp għandu japplika l-proċess ta' rieżami superviżorju b'mod konsistenti mal-ambitu u l-każijiet ta' applikazzjoni tas-superviżjoni tal-grupp deskritta fit-Titolu III, Kapitolu I tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, b'kunsiderazzjoni tat-tip ta' impriża prinċipali aħħarija tal-grupp tal-assigurazzjoni, il-post ġeografiku tal-kwartieri ġenerali tagħha (ŻEE jew pajjiż terz), l-istatus ta' ekwivalenza tal-pajjiż terz, jekk applikabbli, u kwalunkwe aspekk ta' konglomerat finanzjarju.
- 1.29. Is-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra fil-proċess ta' rieżami superviżorju l-entitajiet rilevanti kollha fi ħdan il-grupp tal-assigurazzjoni inklużi entitajiet regolati u mhux regolati kif ukoll taż-ŻEE u mhux taż-ŻEE.
- 1.30. Is-superviżur tal-grupp għandu jiffoka fuq il-kwistjonijiet speċifiċi għall-grupp, inkluż:
  - a) tranżazzjonijiet fost l-impriżi ta' grupp, kumplessità u interkonnnettività tal-grupp tal-assigurazzjoni;
  - b) il-profil tar-riskju tal-grupp inkluż kwalunkwe effett tad-diversifikazzjoni, konċentrazzjonijiet tar-riskju u trasferiment tar-riskju fil-grupp tal-assigurazzjoni;
  - c) kwalunkwe riskju ieħor mill-perspettiva tal-grupp kollu, inklużi dawk li jirriżultaw fil-livell tal-grupp, bħal riskji minn entitajiet mhux tal-assigurazzjoni;

- d) aspetti tal-governanza tal-grupp u l-istrateġija tal-grupp inkluż kwalunkwe kunflitt jew kwalunkwe kunflitt ta' interess potenzjali;
- e) aspetti tal-ġestjoni tar-riskju fil-grupp kollu, inkluż kwalunkwe funzjoni ċentralizzata tal-ġestjoni tar-riskju; u
- f) il-ġestjoni tal-grupp tal-kapital tal-grupp tiegħu, inkluż it-trasferibbiltà u l-allokazzjoni fi ħdan il-grupp tal-assigurazzjoni.

## **Taqsimi II- Input għall-proċess ta' rieżami superviżorju**

### **Linja Gwida 11 - Input għall-proċess ta' rieżami superviżorju**

1.31. Matul il-proċess ta' rieżami superviżorju l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, fejn xieraq, tikkunsidra informazzjoni rilevanti li tirriżulta minn sorsi differenti, inkluż minn:

- a) l-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew il-grupp tal-assigurazzjoni: mudelli ta' rappurtar kwantitattivi, ir-rapport ta' sorveljanza regolari, ir-rapport ta' solvibbiltà u tal-kundizzjoni finanzjarja, ir-rapport ORSA, informazzjoni ta' impriża oħra jew tal-grupp jew kwalunkwe informazzjoni oħra mitluba mill-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jew mill-grupp tal-assigurazzjoni mill-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali;
- b) l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali jew is-superviżur tal-grupp innifsu: informazzjoni storika, indikaturi ta' twissija bikrija, indikaturi tar-riskju, sejbiet preċedenti dwar l-impriżi jew il-gruppi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, reviżjonijiet tematiċi jew riżultati tat-testijiet tal-istress;
- c) il-kulleġġ: eżiti individwali tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju, pjanijiet superviżorji individwali kondiviżi fil-kulleġġ, il-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ, kwalunkwe analiżi jew reviżjoni jew miżura superviżorja rilevanti kondiviża fil-kulleġġ;
- d) awtoritajiet kompetenti oħrajn;
- e) partijiet esterni oħrajn: informazzjoni dwar is-suq jew is-settur, informazzjoni minn korpi jew assoċjazzjonijiet tal-konsumatur jew tal-industrija, dokumenti tekniċi ta' riċerka tekniċi jew informazzjoni tal-istampa jew tal-midja.

## **Taqsimi III - Qaafas tal-valutazzjoni tar-riskju**

### **Linja Gwida 12 - L-istruttura u l-użu tal-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju**

1.32. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tuża qafas ta' valutazzjoni tar-riskju biex tidentifika u tivvaluta r-riskji attwali u futuri li jiffaċċjaw jew li jistgħu jiffaċċjaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni inkluża l-kapaċità tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni li tidentifika, tkejjel, timmonitorja, tiġġestixxi u tirrapporta dwar dawk ir-riskji.

1.33. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tuża dan l-approċċ għall-finijiet ta':

- a) it-twettiq ta' superviżjoni effettiva tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;
- b) il-prijoritizzazzjoni ta' attivitajiet superviżorji;
- c) l-istabbiliment tal-frekwenza tar-rappurtar superviżorju regolari;
- d) l-istabbiliment tal-ambitu, il-profondità u l-frekwenza ta' analiżi mhux fuq il-post u spezzjonijiet fuq il-post jew kwalunkwe suġġett ieħor meħtieġ għas-superviżjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

### **Linja Gwida 13 - Ambitu tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju**

1.34. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tapplika approċċ ibbażat fuq ir-riskju u li jħares 'il quddiem għas-superviżjoni li huwa stabbilit fl-istadji li ġejjin:

- a) valutazzjoni tal-informazzjoni;
- b) determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-impatt tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;
- c) determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tar-riskji tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni;
- d) determinazzjoni tal-eżitu ta' qafas ta' valutazzjoni tar-riskju;
- e) il-ħolqien ta' pjan superviżorju u d-determinazzjoni tal-intensità tas-sorveljanza.
- f) fil-każ ta' gruppi tal-assigurazzjoni, jekk ikun hemm kulleġġ stabbilit skont l-Artikolu 248 (2) tad-Direttiva tas-Solvibbiltà II, il-kontribuzzjoni ta' aspetti tal-pjan superviżorju għall-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ, fejn xieraq.

### **Linja Gwida 14 - Valutazzjoni tal-informazzjoni**

1.35. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha twettaq mill-inqas valutazzjoni ta' livell għoli dwar l-informazzjoni meta jasal rappurtar regolari u għandha tikkunsidra l-ħtieġa ta' rikunsiderazzjoni tal-komponenti tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju.

### **Linja Gwida 15 - Determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-impatt tal-impriża**

1.36. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tinkludi fil-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju valutazzjoni tal-impatt potenzjali tal-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni. Din il-valutazzjoni għandha tirrifletti l-impatt potenzjali li l-falliment ta' impriża partikolari jkollu fuq id-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji tagħha u fuq is-suq.

1.37. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tassenja klassifika tal-impatt lil kull impriża fuq skala b'4 kategoriji, fejn "Impatt klassi 1" ikun l-inqas impatt fuq id-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji u fuq is-suq u "Impatt klassi 4" ikun l-ikbar impatt fuq id-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji u fuq is-suq.

### **Linja Gwida 16 - Determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tal-impatt għall-gruppi**

1.38. Is-superviżur tal-grupp għandu jinkludi fil-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju tal-grupp klassifikazzjoni tal-impatt għall-gruppi kollha tal-assigurazzjoni.



- 1.39. Il-klassifikazzjoni tal-impatt fil-livell tal-grupp tal-assigurazzjoni għandha tirrifletti l-impatt potenzjali tal-falliment tal-grupp tal-assigurazzjoni, permezz tal-entitajiet tiegħu, fuq id-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji tal-grupp, u fuq is-swieq fejn il-grupp tal-assigurazzjoni jkun attiv.
- 1.40. Is-superviżur tal-grupp għandu, meta jassenja klassifikazzjoni tal-impatt, jikkunsidra l-kumplexità u l-interkonnnettività tal-grupp tal-assigurazzjoni.
- 1.41. Is-superviżur tal-grupp għandu jassenja klassifikazzjoni tal-impatt għal kull grupp tal-assigurazzjoni fuq skala b'4 kategoriji fejn "Impatt klassi 1" ikun l-inqas impatt fuq id-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji u fuq is-suq tal-grupp tal-assigurazzjoni u "Impatt klassi 4" ikun l-ikbar impatt fuq id-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji u fuq is-suq tal-grupp tal-assigurazzjoni.

#### **Linja Gwida 17 - Determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tar-riskju tal-impriża**

- 1.42. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tidentifika u tivvaluta r-riskji attwali u futuri li jiffaċċjaw jew li jistgħu jiffaċċjaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, inkluża l-kapaċità tal-impriża biex tiflaħ għal avvenimenti possibbli jew bidliet futuri fil-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-effett negattiv potenzjali tagħhom fuq is-solvibbiltà u l-pożizzjoni finanzjarja, il-vijabbiltà tal-impriża u l-kapaċità tagħha biex tissodisfa l-obbligi tagħha għad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji jekk ir-riskji jimmaterjalizzaw.
- 1.43. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha twettaq din l-identifikazzjoni tar-riskju u l-valutazzjoni għall-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni b'kunsiderazzjoni tal-kriterji u l-miżuri kwantitattivi u kwalitattivi rilevanti għal kull impriża.
- 1.44. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tassenja lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni klassifikazzjoni tar-riskju fuq skala b'4 kategoriji: minn "Klassi ta' riskju 1" li tikkorrispondi għal dik li tkun l-iktar kapaċi tiflaħ għar-riskji li jimmaterjalizzaw sa "Klassi ta' riskju 4" li tikkorrispondi għal dik li hija l-inqas kapaċi tiflaħ għar-riskji li jimmaterjalizzaw.

#### **Linja Gwida 18 - Determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tar-riskju għal grupp tal-assigurazzjoni**

- 1.45. Is-superviżur tal-grupp għandu jidentifika u jivvaluta r-riskji attwali u futuri fuq il-livell tal-grupp li jistgħu jaffettwaw il-grupp tal-assigurazzjoni, inkluż il-kapaċità tal-grupp li jiflaħ għal avvenimenti possibbli jew bidliet futuri tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u l-effett negattiv potenzjali tagħhom fuq is-solvibbiltà u l-pożizzjoni finanzjarja, il-vijabbiltà tal-grupp tal-assigurazzjoni u l-assigurazzjoni individwali tal-grupp u l-kapaċitajiet tal-impriżi tar-riassigurazzjoni biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom għad-detenturi tal-politika u l-benefiċjarji jekk ir-riskji jimmaterjalizzaw.
- 1.46. Is-superviżur tal-grupp għandu, meta jivvaluta r-riskji tal-grupp tal-assigurazzjoni, jikkunsidra l-kwistjonijiet speċifiċi għall-grupp deskritti fil-Linja Gwida 10.
- 1.47. Is-superviżur tal-grupp għandu jwettaq din l-identifikazzjoni tar-riskju u valutazzjoni għall-gruppi kollha tal-assigurazzjoni billi jikkunsidra l-kriterji kwantitattivi u kwalitattivi u l-miżuri rilevanti għall-grupp tal-assigurazzjoni.

1.48. Is-superviżur tal-grupp għandu jassenja klassifikazzjoni tar-riskju għal kull grupp tal-assigurazzjoni fuq skala b'4 kategoriji: minn "Riskju klassi 1" li jikkorrispondi għal dik li tkun l-iktar kapaċi tiflaħ li jimmaterjalizzaw ir-riskji sa "Riskju klassi 4" li tikkorrispondi għal dik li l-inqas kapaċi tiflaħ li jimmaterjalizzaw ir-riskji.

### **Linja Gwida 19 - Determinazzjoni tal-eżitu tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju**

1.49. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li l-eżitu tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju għall-impriża u l-gruppi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jinkludi klassifikazzjoni tal-impatt u klassifikazzjoni tar-riskju, kemm jekk ikkombinati kif ukoll jekk le, u li jintużaw flimkien ma' informazzjoni superviżorja rilevanti oħra għall-iskop tat-twaqqif tal-pjan superviżorju.

1.50. Jekk ikun hemm kulleġġ, meta jiskambjaw l-eżiti tal-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju (grupp u individwu) is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji l-oħrajn għandhom ikunu kapaċi jispjegaw il-loġika tal-eżitu sabiex jippermettu lill-kulleġġ jiffirma fehma komuni tar-riskji tal-grupp tal-assigurazzjoni.

### **Linja Gwida 20 - Il-ħolqien ta' pjan superviżorju u d-determinazzjoni tal-intensità tas-superviżjoni**

1.51. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tagħmel użu mill-eżitu tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju flimkien mad-dettalji tar-riskji identifikati, id-diversi prijoritajiet u limitazzjonijiet tal-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali u informazzjoni superviżorja rilevanti oħra biex tiżviluppa l-pjan superviżorju.

1.52. Il-pjan superviżorju għandu jistabbilixxi l-frekwenza u l-intensità tal-attivitajiet superviżorji għal kull impriża. Il-pjan superviżorju għandu jkun proporzjonat man-natura, l-iskala u l-kumplessità tal-impriża.

### **Linja Gwida 21 - Interazzjoni bejn il-pjan superviżorju tal-grupp u l-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ**

1.53. Jekk ikun hemm kulleġġ, is-superviżur tal-grupp għandu jinkludi l-aspetti rilevanti tal-pjan superviżorju tal-grupp fil-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ (kif stipulat fil-Linja Gwida 12 tal-Linji Gwida dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi) għal diskussjoni u azzjoni fi ħdan il-kulleġġ.

1.54. Rigward il-proċess ta' reviżjoni tal-grupp superviżorju, il-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ għandu jinkludi:

- a) deskrizzjoni tar-riskji ewlenin li jiġu ffukati bħala riżultat tal-eżitu tal-qafas valutazzjoni tar-riskju tal-grupp;
- b) deskrizzjonijiet u ġustifikazzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu fi ħdan il-kulleġġ fuq il-bażi tal-pjan superviżorju tal-grupp;
- c) l-identifikazzjoni tal-entitajiet rilevanti fi ħdan il-grupp tal-assigurazzjoni u l-awtoritajiet superviżorji tagħhom li s-superviżur tal-grupp huwa probabbli li jfittex input minn għandhom.

## **Linja Gwida 22 - Governanza tal-pjan superviżorju**

1.55. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li l-adeqwatezza tal-pjan superviżorju tkun soġġetta għal sorveljanza adattata u l-governanza interna fi ħdan l-awtorità superviżorja.

## **Linja Gwida 23 - Notifika tal-frekwenza tar-rapport superviżorju regolari**

1.56. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tinnotifika lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni dwar il-frekwenza tar-rapport superviżorju regolari meħtieġ, kemm jekk kull sena, kull sentejn kif ukoll jekk kull tliet snin, kif ukoll kwalunkwe bidla sussegwenti fih, malajr kemm jista' jkun u mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem is-sena finanzjarja tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

1.57. Id-deċiżjoni dwar il-frekwenza għandha, mill-inqas, tikkunsidra l-eżitu tal-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju, informazzjoni superviżorja oħra u l-eżerċitar tal-ġudizzju superviżorju.

1.58. Jekk ikun hemm kulleġġ, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkommunikaw il-bidliet fil-frekwenza tar-rapport superviżorju regolari lis-superviżur tal-grupp qabel jinnotifikaw lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni jekk ikun xieraq.

## **Linja Gwida 24 - Aġġornament tal-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju**

1.59. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, matul il-proċess ta' rieżami superviżorju, tikkunsidra jekk ikunx meħtieġ li jiġi aġġornat l-eżitu tal-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju.

## **Taqsimha IV - Reviżjoni Dettaljati**

### **Linja Gwida 25 - Attivitajiet ta' reviżjoni dettaljati**

1.60. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha twettaq attivitajiet ta' reviżjoni dettaljati, kemm jekk analiżi mhux fuq il-post kif ukoll jekk spezzjonijiet fuq il-post, ibbażati fuq il-pjan superviżorju, billi tikkunsidra l-informazzjoni rilevanti kollha u billi tiffoka fuq l-oqsma ta' riskju kif identifikati fil-qafas tal-valutazzjoni tar-riskju.

1.61. Jekk ikun hemm kulleġġ, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jirreferu wkoll għall-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ meta jwettqu l-attivitajiet ta' reviżjoni dettaljati fir-rigward ta' kwalunkwe parteċipazzjoni ta' awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali oħrajn b'mod konformi mal-Linji Gwida dwar il-funzjonament operattiv tal-kulleġġi.

### **Linja Gwida 26 - Talba għal informazzjoni addizzjonali matul ir-reviżjoni dettaljata**

1.62. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, fejn xieraq, tevalwa l-ħtieġa għal informazzjoni addizzjonali mingħand l-impriża, inklużi tipi differenti ta' dejta, analiżijiet jew kompiti li għandhom jitwettqu mill-impriża. Iż-żmien permess mill-awtorità superviżorja għall-għoti ta' informazzjoni addizzjonali għandu jkun xieraq sabiex l-impriża tkun kapaċi twieġeb għat-talba.

### **Linja Gwida 27 - Konklużjonijiet ta' reviżjoni dettaljati**

1.63. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiżgura li s-sejbiet ewlenin u l-konklużjonijiet tar-reviżjoni ddettaljata jiġu rreġistrati u jkunu aċċessibbli internament għall-finijiet superviżorji.

### **Linja Gwida 28 - Analiżijiet dettaljati mhux fuq il-post**

1.64. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, kif definit fil-pjan superviżorju u billi tikkunsidra l-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ, jekk ikun hemm kulleġġ, tuża analiżijiet mhux fuq il-post biex twettaq attivitajiet ulterjuri lil hinn mill-valutazzjoni ta' livell għoli tal-informazzjoni mwettqa fil-qafas ta' valutazzjoni tar-riskju, billi tiffoka fuq l-oqsma ta' riskju speċifikati.

### **Linja Gwida 29 - Spezzjonijiet fuq il-post**

1.65. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha twettaq spezzjonijiet regolari fuq il-post jekk ikunu definiti fil-pjan superviżorju u għandha tikkunsidra l-pjan ta' ħidma tal-kulleġġ, jekk ikun hemm kulleġġ, jew spezzjonijiet oħra ad-hoc fuq il-post kif xieraq.

### **Linja Gwida 30 - Governanza tal-ispezzjonijiet fuq il-post**

1.66. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandu jkollha mekkaniżmi xierqa ta' governanza fis-seħħ li jippermettulhom jimmonitorjaw sew l-ispezzjonijiet fuq il-post.

### **Linja Gwida 31 - Proċess li għandu jiġi segwit għall-ispezzjonijiet fuq il-post**

1.67. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tikkunsidra, għall-ispezzjoni fuq il-post, il-fażijiet li ġejjin: preparazzjoni, riċerka fuq il-post u konklużjonijiet bil-miktub.

### **Linja Gwida 32 - Konklużjonijiet bil-miktub ta' spezzjonijiet fuq il-post**

1.68. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tikkomunika l-konklużjonijiet tal-ispezzjoni fuq il-post bil-miktub lill-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u għandha tippermetti lill-impriża sabiex tirrispondi għall-konklużjonijiet fi żmien raġonevoli kif stipulat mill-awtorità superviżorja. L-awtorità superviżorja għandha tikkomunika dawn il-konklużjonijiet lil dawk il-persuni li effettivament imexxu l-impriża u li huma kkunsidrati xierqa f'dan il-kontest.

1.69. Jekk ikun hemm awtoritajiet superviżorji oħrajn involuti fl-ispezzjoni fuq il-post, is-superviżuri għandhom jiddiskutu l-konklużjonijiet li se jiġu kkomunikati lill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni rilevanti li huma parti mill-grupp tal-assigurazzjoni qabel ma jikkomunikawhom.

## **Taqsim V - Miżuri Superviżorji**

### **Linja Gwida 33 - Identifikazzjoni ta' kwistjonijiet li jwasslu għall-miżuri superviżorji**

1.70. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, abbażi tal-konklużjonijiet tar-ri-eżami ddettaljat, tidentifika kwalunkwe punt dgħajfef u kwalunkwe nuqqas

attwali jew potenzjali jew nuqqasijiet ta' konformità mar-rekwiżiti li jistgħu jwassluhom biex jimponu miżuri superviżorji.

#### **Linja Gwida 34 - Valutazzjoni tas-sinifikat tal-punti dgħajfa, defiċjenzi jew nuqqasijiet ta' konformità**

1.71. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, sabiex tiddeċiedi dwar il-miżuri, tivvaluta s-sinifikat tal-punti dgħajfa u n-nuqqasijiet attwali jew potenzjali jew in-nuqqas ta' konformità identifikati fir-reviżjoni ddettaljata.

#### **Linja Gwida 35 - Identifikazzjoni u valutazzjoni tas-sinifikat tal-punti dgħajfa, nuqqasijiet jew nuqqas ta' konformità fil-livell tal-grupp**

1.72. Is-superviżur tal-grupp jidentifika u jevalwa kwalunkwe punt dgħajfef u kwalunkwe nuqqas attwali jew potenzjali jew nuqqas ta' konformità minn perspettiva fil-grupp kollu, b'kunsiderazzjoni tal-ispeċifitàjiet tal-istruttura tal-grupp tal-assigurazzjoni u n-negożju u l-interkonnnettività tal-grupp tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

1.73. Is-superviżur tal-grupp għandu jikkunsidra jekk is-sejbiet dwar il-punti dgħajfa u n-nuqqasijiet attwali jew potenzjali jew nuqqas ta' konformità minn perspettiva fil-grupp kollha humiex relatati mal-grupp tal-assigurazzjoni kollu jew ma' xi impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni speċifiċi.

#### **Linja Gwida 36 - Miżuri differenti għal sitwazzjonijiet differenti**

1.74. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tiegħu miżuri li jvarjaw skont il-livell tas-sinifikat tal-punti dgħajfa u n-nuqqasijiet attwali jew potenzjali jew nuqqas ta' konformità li jiffaċċjaw l-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

#### **Linja Gwida 37 - Deċiżjoni dwar miżuri fil-livell ta' grupp jew fuq livell individwali**

1.75. L-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali responsabbli għas-superviżjoni tal-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni rilevanti jew is-superviżur tal-grupp, fil-każ ta' miżuri relatati mal-grupp ta' assigurazzjoni kollu, għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kontra l-impriża xierqa fuq il-bażi tal-analiżi tagħhom tas-sejbiet dwar il-punti dgħajfa, in-nuqqasijiet jew in-nuqqas ta' konformità.

1.76. Meta jittieħdu miżuri kemm fil-livelli tal-grupp kif ukoll fuq livelli individwali, is-superviżur tal-grupp u l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkoordinaw miżuri, fejn xieraq, biex itejbu l-effikaċja tal-miżuri.

#### **Linja Gwida 38 - Governanza fuq l-eżerċitar tal-miżuri**

1.77. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandu jkollha proċess ta' governanza xieraq dwar l-eżerċitar tal-miżuri superviżorji fis-seħħ biex tiżgura li dawn jintużaw b'mod konsistenti, proporzjonat u oġġettiv u li jiġu ddokumentati kif suppost.

#### **Linja Gwida 39 - Notifika ta' miżuri**

1.78. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tinnotifika lill-impriża bil-miktub u fuq bażi f'waqtha dwar il-miżuri speċifiċi li l-impriża għandha timplimenta. Din in-notifika għandha, fejn xieraq, tinkludi speċifikazzjoni tal-qafas ta' żmien

xieraq li fih l-impriża għandha timplimenta l-azzjonijiet meħtieġa biex tikkonforma mal-miżuri.

- 1.79. Jekk ikun hemm kulleġġ u fejn iktar minn superviżur wieħed jieħu l-miżuri, l-awtoritajiet superviżorji għandhom jikkunsidraw il-koordinazzjoni tal-istrateġija ta' komunikazzjoni tagħhom.

#### **Linja Gwida 40 - Komunikazzjoni fil-kulleġġ**

- 1.80. Jekk ikun hemm kulleġġ, l-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha, fejn xieraq, tikkomunika lis-superviżur tal-grupp il-miżuri superviżorji li ttieħdu.

#### **Linja Gwida 41 - Monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni**

- 1.81. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha timmonitorja jekk il-miżuri humiex implimentati kif xieraq mill-impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni.

#### **Linja Gwida 42 - Reviżjoni tal-miżuri superviżorji**

- 1.82. L-awtorità ta' sorveljanza nazzjonali għandha tirrevedi l-miżuri u taġġorna l-pjan superviżorju bi tweġiba għal-livell ta' effikaċja tal-miżuri superviżorji kif implimentati mill-intrapriża.

#### **Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar**

- 1.83. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament tal-EIPOA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.84. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jinkorporawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.85. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw mal-EIOPA jekk dawn jikkonformawx jew humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għal nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.86. Fin-nuqqas ta' risposta sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u jiġu rrapportati bħala tali.

#### **Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet**

- 1.87. Dawn il-Linji Gwida għandhom ikunu soġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.